# L-Ordni ta' Malta





**Minn Joseph Abela**

Meta jaslu dawn il-ġranet tal-Festa Nazzjonali tal-Vitorja bla ma rridu jiġi f' moħħna l-Assedju l-Kbir ta' l-1565. Minn dakinhar il-Maltin bdew ifakkru din ir-rebħa ċelebri li mhux biss kienet sinifikanti għalina imma wkoll għall-bqija tal-pajjiżi ħbieb ta' Malta li ħaddnu l-istess reliġjon u prinċipji. Malta rebbieħa ta' l-1565, kienet taħt it-tmexxija tal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann sa mill-1531. Il-Kavallieri ħallew warajhom wirt enormi, beltna mhux eskluża, u dan għadna ngawduh mhux biss aħna imma dawk l-eluf ta' turisti li jogħġobhom iżuruna. Il-ġrajja ta' l-Assedju li hija parti intrinsika mill-istorja ta' l-Isla u li bosta jafuha tajjeb. Għaldaqstant huwa xieraq li jingħata xi tagħrif dwar il–ġerarkija ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta.

L-Ordni, immexxi mill-Gran Mastru huwa kompost minn tmien taqsimiet jew lingwi. Il-Balliju kien il-Kap tal-lingwa li kienet tinqasam fi prijurati mmexxija minn Pirjol u dawn jerġgħu jinqasmu f' kommendi amministrati minn Kommendatur. Il-membri f' din l-Ordni huma ta' tliet branki; Il-Kavallieri, il-Kappillani u s-Surġenti.



*Il-Balliju Fra Pierre-André Suffren de Saint Tropez.*
*(Ritratt: Joseph Abela)*

**Il-Gran Mastru** kellu jkun ġej minn ġenituri nobbli u leġittimament miżżewwġin. Kull Gran Mastru kien jilħaq wara l-mewt tal-predeċessur tiegħu, u l-metodu ta' l-għażla kien wieħed kumpless li jieħu t-tul biex irendi riżultat rett. Hekk kif jinħatar il-Gran Mastru l-ġdid, kull membru ta' l-Ordni kien jissottometti l-ġurament ta' l-ubbiddjenza lejh. Kien ikollu s-siġill taċ-ċomb u ieħor tax-xemgħa bix-xbieħa tiegħu, u taħt is-salib ta' l-Ordni. Il-Gran Mastru jkollu jċedi l-kommendi, id-dinjità, il-benefiċċji u l-uffiċċji kollha li gawda qabel, però kien jingħata numru ta' kommendi oħrajn jew *"Camerae Magistrales"*. Minfloku u seta' jgħaddi minnhom bħala prenda għax-xiri tal-qamħ għall-bżonn tal-pajjiż, u f'każijiet oħrajn fejn tinħass il-ħtieġa. Il-Gran Mastru kien jagħżel il-Vigarju tiegħu u Reġġenti. Barra minn hekk kien iżomm erba' Kappillani fil-Palazz Maġistrali biex jindukraw ir-relikwi tal-Palazz. Mal-mewt tal-Gran Mastru, id-deheb u l-fided kienu jmorru fit-Teżor ta' l-Ordni.



*Il-Pirjol Fra Leone Strozzi ta' Capua fi żmien ir-Renju ta' La Sengle*
*(Ritratt: Joseph Abela)*

*Grupp Dilettanti tan-Nar*

**Il-Balliju** jew amministratur tal-propjetà kien il-Kap tal-lingwa, magħżul għaliex kien is-sid ta' l-akbar biċċa art minn fost il-membri tal-lingwa tiegħu. Din il-kariga kienet l-għola wara dik tal-Gran Mastru u l-Balliji kienu jitqassmu fi tnejn, dawk Konventwali u dawk Kapitulari. Dawk ta' l-ewwel bid-dmir li jassisstu lill-Gran Mastru fit-tmexxija u l-

amministrazzjoni ta' l-Ordni, u għalhekk jiffurmaw il-Kunsill, u kull Balliju kellu r-rwol partikulari kif jidher hawn taħt:

Il-Balliju ta' Provenza kellu t-titlu ta' Gran Kommendatur ta' l-Ordni bl-obbligu li jissorvelja l-amministrazzjoni bħall-ġbir ta' pagamenti, eżaminar ta' rendikonti u l-ħażniet tal-qamħ.

Il-Balliju ta' Alvernja kien il-Marixxall u l-Kap ta' l-armata.

Il-Balliju ta' Franza kien il-Gran Ospitalier u għalhekk, jieħu ħsieb l-isptarijiet, l-inventarju ta' l-Infermerija, l-ispiżeriji u l-istokk tal-mediċini. Il-membri li kienu jieħdu ħsieb il-morda kellhom it-titlu ta' *"probi homines Infirmariae"*, -Nies ta' qalb tajba ta' l-Infermerija.

Il-Balliju ta' l-Italja bit-titlu ta' Ammirall kellu l-kmand tal-flotta bin-nies tagħha. Il-baħħara kienu jitħallsu mill-flus tat-Teżor ta' l-Ordni.

Il-Balliju ta' Aragona kien magħruf bħala l-Gran Konservatur li jikkura l-ħwejjeġ ta' l-Ordni u jkun preżenti waqt it-tqassim tal-ħwejjeġ ta' xi membru ta' l-Ordni wara mewtu.



***Fra Antonio Giuseppe Cooleoni, Kaptan Ġenerali tal-Flotta ta' l-Ordni (1782-1791) (Ritratt: Mużew Marittimu Birgu)***

Il-Balliju ta' Kastilja kien il-Gran Kanċellier bil-karigu li jmexxi l-Kanċellerija, assistit minn Viċi-Kanċillier li jieħu ħsieb in-noti legali u li jiffirma l-atti u jissiġillahom fil-preżenza tal-Kanċillier.

Il-Balliju tal-Ġermanja kellu t-titlu ta' Gran Balliju, bl-Imdina u l-Kastell ta' Għawdex taħt il-ħarsien tiegħu. Barra minn Malta kien fdat f'idu l-Kastell San Pietru li kien fuq art Torka, li serva ta' kenn għall-Insara wara xi battalja.

Il-Balliju ta' l-Ingilterra kien jissejjaħ it-*Turkopolier*, u kien jikkmanda l-kavallerija fis-Sirja.

Il-Balliji Kapitulari ma' kellhom l-ebda uffiċċju partikulari ħlief titlu. Però kellhom l-istess dinjità bħal tal-Konventwali.

**Il-Pirjol** kien jamministra għal sentejn, u jżomm arkivju għad-dokumentazzjoni, il-privileġġi, l-ittri tal-benefiċċji u tal-kommendi. Dawn kienu jinżammu f'reġistri doppji tal-beni tal-Prijurat. Waħda mill-kopji kienet tkun għall-Gran Mastru u għall-Kunsill. Il-Pirjoli kellhom ġurisdizzjoni ċivili u kriminali u dawn kienu mogħtija s-setgħa li jikkoreġu lill-membri fil-Pirjolat tagħhom.

L-ogħla grad fil-Pirjolat kien dak Konventwali li jissejjaħ ukoll *Prior Ecclesiae,* il-Pirjol tal-Knisja. Is-Santa Sede irregalatilhom xi privileġġi, bħal per ezempju li setgħu jiċċelebraw pontifikalment. Il-membri ta' l-Ordni kienu suġġetti mill-Pirjol Konventwali għall-ordnijiet f'dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni tas-Sagramenti u l-funzjonijiet ekkleżjastiċi. Responsabbiltà oħra kienet li jaħtru Vigarji biex iżuru l-knejjes u l-Kappillani konnessi ma' l-Ordni.

Grad ieħor fil-Pirjolat, kien il-Kommendatur meqjus bħala propjetarju mill-kbar. Kommenda kienet tinkiseb wara li membru ta' l-Ordni jkun għex ħames snin fil-kunvent u jkun ħa sehem fi tliet kampanji kontra l-Mislem.

Il-Kommendaturi kienu fid-dover li jimmeljoraw it-tmexxija ta' l-art fdata f'idejhom u jgħaddu persentaġġ mir-*responio*, fid-dħul ta' l-art lill-kunvent. Il-Pirjol Kommendatur



***Fra Ġerald, il-fundatur ta' l-Ordni jidher jieħu ħsieb il-morda fl-isptar. (Ritratt: Mużew Marittimu Birgu)***



***Kavallier Profess liebes l-istollone tar-rakkmu bis-simboli tal-Passjoni. Is-Sorijiet tal-Klawsura tal-Belt ixeddu l-istess stollone peress li huma fergħa ta' l-Ordni ta' Malta. (Ritratt: Mużew Marittimu Birgu)***

*Grupp Dilettanti tan-Nar*

kellu d-dritt li jipparteċipa fil-Kapitli Ġenerali.

**Il-Membri** kienu ta' tliet kategoriji; il-Kavallieri, il-Kappillani u s-Surġenti u l-ebda membru ma' seta' jgħaddi minn kategorija għall-oħra. Kull membru ried ikun għalaq is-sittax-il sena. Il-Kavallieri kienu jieħdu l-voti perpetwi u jagħmlu sena novizzjat, però qabel kienu jgħaddu mill-għarbiel permezz ta' eżami, għax jekk jiġu aċċettati dawn ma' kinux jistgħu jitkeċċew.

Il-Kappillani kienu jieħdu kura tal-knejjes u tal-funzjonijiet, dejjem dawk li jsiru mill-Ordni. Il-Kappillani jinqasmu fi tnejn, Konventwali u dawk ta' l-Ubbidjenza. Ta' l-ewwel magħżula uffiċjalment mill-Gran Mastru jew xi membru b' kariga għolja u dawk ta' l-Ubbidjenza kienu maħtura mill-Kavallieri bl-approvazzjoni tal-Kapitlu Provinċjali. Ta' min isemmi d-Donati li bl-approvazzjoni tal-Gran Mastru kienu jissottomettu ruħhom li jiddefendu lill-Kavallieri.

Fi ħdan l-Ordni ta' Mata hemm ukoll membri nisa li jservu bħala sorijiet. Is-sorijiet ta' Sant'Orsola fil-Belt Valletta jitolbu għall-bżonnijiet ta' l-Ordni, u għalhekk kienu jiġu kompensati bi ħlas relatat minn priża li kienet tinqabad mill-bastimenti ta' l-Ordni stess.

L-Ordni twaqqfet fis-seklu ħdax bi skopijiet reliġjużi u ospedalieri f' Amalfi fi żmien il-Fatamidi. Meta Ġerusalemm intrebħet mill-Kruċjati fl-1099, din l-Ordni, li diġà kellha xi regoli, kienet immexxija minn Fra Gerald. Maż-żmien l-Ordni ħadet bixra militari biex tiddefendi l-pellegrini u l-interessi ta' l-Insara. Il-ħidma ta' l-Ordni llum hija aġġornata u tagħmel opri ta' karità. Fost oħrajn f'Malta topera bank tad-demm li minnu jibbenefikaw bosta.

Kif jgħidu l-istorja tirrepeti ruħha, u llum l-Ordni reġa' okkupa parti mill-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu, li minn beltna naraw iperpru fuq is-swar tal-forti ż-żewġ bnadar ta' żewġ stati sovrani b' rabtiet mill-aktar profondi. L-Isla bdiet tieħu s-sura ta' belt fiż-żminijiet bikrija ta' l-Ordni f'Malta, mdawra bis-swar ikennu l-palazzi u bosta djar mill-isbaħ li taw karattru lil din il-belt marittima. Isem din il-penisola, f' ġieħ il-Gran Mastru La Sengle jissiġilla l-funzjoni bejn ġensna u l-Ordni.




Krixer Casual Wear

Men & Ladies Wear

Cospicua Road,
Paola

Funderija Artistika

*Prop: Joseph Chetcuti*

Plot 71-72, Qasam Industrijali, Luqa LQA05
Tel: 2124 0424

Nagħmlu Bustijiet, Ornat u Statwi tal-Bronż

*Grupp Dilettanti tan-Nar*